



Brussell, 28 ta' Novembru 2019  
(OR. en)

14601/19  
ADD 1

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2018/0203(COD)**

---

**JUSTCIV 230**  
**EJUSTICE 155**  
**COMER 152**  
**CODEC 1696**

**NOTA**

|                |                                                                                                                                                                                                                                                                                                      |
|----------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:          | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                     |
| lil:           | Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                              |
| Nru dok. Cion: | 9620/18                                                                                                                                                                                                                                                                                              |
| Suġġett:       | Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qradi tal-Istati Membri fil-kompilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali<br>- Approċċ ġenerali<br>= Dikjarazzjoni |

**Dikjarazzjoni mill-Awstrija, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, in-Netherlands, il-Portugall, is-Slovenja u Spanja għall-minuti tal-COREPER u l-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni rigward ir-Regolamenti dwar in-Notifika ta' Dokumenti u l-Kompilazzjoni ta' Xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali**

Wieħed mill-oġġettivi ta' dawn ir-Regolamenti huwa li tiġi diġitalizzata t-trasmissjoni ta' talbiet għan-notifika ta' dokumenti u l-kompilazzjoni ta' xhieda bejn l-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri differenti. Għal dan il-għan iż-żewġ Regolamenti jappellaw għall-istabbiliment ta' sistema deċentralizzata elettronika obbligatorja tal-IT. Il-firmatarji jilqgħu l-oġġettiv tal-proposta tal-Kummissjoni u t-test ta' compromess tal-Presidenza Finlandiża.

Ir-Regolamenti ma jsemmux b'mod espliċitu soluzzjoni ta' software speċifika biex ir-Regolamenti jibqgħu validi fil-futur f'ambjent teknoloġiku li jinbidel malajr. Madankollu, l-Istati Membri u l-Kummissjoni qablu li l-atti ta' implimentazzjoni tar-Regolamenti ser jispeċifikaw is-sistema e-CODEX bħala s-soluzzjoni ta' software adatta. Il-firmatarji jappoġġaw din l-għażla u l-użu tal-e-CODEX għal dan it-tip ta' skambju tad-data.

Filwaqt li jittieħed kont ta' dan, niġbdu l-attenzjoni għall-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sostenibbiltà tal-e-CODEX (Novembru 2014), li jipproponu l-opportunità li Aġenzija eżistenti indipendenti tal-UE tiġi fdata bil-governanza tal-e-CODEX. Filwaqt li jfakkru wkoll fil-Pjan Direzzjonali tal-e-CODEX (Novembru 2016) u fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-e-CODEX (Ġunju 2017), li stiednu lill-Kummissjoni "biex tippreżenta proposta għall-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-e-CODEX, billi ttipprovdi l-arranġamenti tekniċi u legali meħtieġa li jippermettu lill-eu-LISA tiżgura il-manutenzjoni u l-interoperabbiltà tagħha", il-firmatarji jappellaw lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-e-CODEX, filwaqt li ttipprovdi l-arranġamenti legali u tekniċi meħtieġa li jippermettu lill-eu-LISA tiżgura l-manutenzjoni u l-interoperabbiltà tagħha. Dan għandu jsir qabel ma jiġu adottati l-atti ta' implimentazzjoni tar-Regolamenti.

Nappellaw ukoll lill-Kummissjoni biex ttipprovdi r-riżorsi meħtieġa li jippermettu lil din l-organizzazzjoni tiżgura l-manutenzjoni u l-interoperabbiltà tal-e-CODEX u biex tippreżenta pjan rigward il-proposta leġislattiva meħtieġa għall-manutenzjoni futura tal-e-CODEX.